SECRET - CABINET PAPERS

29

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru. 60

Kastilja, 12 ta' Ottubru 1981

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjari tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industrija u Industriji Parastatali tal-Poplu |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Borg | G.W.U. |
| Is-Sur George Agius | G.W.U. |

Prezenti wkoll:

| | |
|---|---|
| Dr C Mifsud Bonnici | Deputat Kap tal-Partit |
| Dr Alex Sceberras Trigona | |
| Dr Edgar Mizzi | |
| Is-Sur Henry Coppini | |
| Is-Sur E W Micallef | Segretarju |

Assent:

Il-Ministru Joseph Brincat li jinsab imsiefer.

2/...

Minuti

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru. 59.

Il-Ministri kkunsidraw l-alternattivi li kien hemm dwar ix-xiri ta' ajruplani ghall-Air Malta, u li huma:-

(1) 4 ajruplani DC 9/80

(a) bil-prezz li johrog £75,000 kull 'seat' - Delivered 2 fl-1983 u 2 fl-1984.

(b) 25% Partecipazzjoni minn Douglas fil-Maintenance Base.

(c) offerta minn Douglas li jixtru lura l-ajruplani wara 5 snin.

(2) 3 ajruplani Boeing B737 - delivered 1983
2 ajruplani Boeing B757 - delivered 1984
(b'makni Rolls Royce)

(a) bil-prezz li johrog £75,000 kull 'seat'

(b) ebda partecipazzjoni fil-Maintenance Base.

(c) Retrofit tal-makni fl-1985.

(3) 3 ajruplani Boeing B737 - delivered 1983
2 ajruplani Boeing B757 - delivered 1985
(b'makni Pratt & Whitney)

(a) bil-prezz li johrog £79,000 kull 'seat'

(b) kontribuzzjoni (mhux partecipazzjoni) minn Platt & Whitney ghal-Maintenance Base.

Taht dawn it-tlett alternattivi l-Air Malta tkun tista' tikseb certi facilitajiet ta' kreditu finanzjarju mill-Exim Bank li kienu jghalqu fit-13 t'Ottubru.

Ir-raba alternattiva kienet li jithalla jiskadi it-terminu ta' l-Exim Bank u tittiehed decizjoni f'waqtha ta' x'ghandu jinxtara u meta.

3/...

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Wara konsiderazzjoni shiha ta' dawn l-alternattivi il-Ministri qablu li:-

(a) jipposponu d-decizjoni dwar ix-xiri tal-B757 minhabba l-fatt li kien hemm ftit wisq ordnijiet ghalih mill-Ewropa u li dawn kienu ghal B757 b'makni Rolls Royce. Ghaldaqstant l-Air Malta setghet issib ruhha f'diffikultajiet biex taghmel is-'service' ta' dawn l-ajruplani fl-Ewropa, aktar u aktar jekk il-makni taghhom ikunu Pratt & Whitney;

(b) jawtorizzaw l-Air Malta li tordna tlett Boeing B737 ghall-konsenja fi Frar/Marzu 1983, jekk l-Exim Bank jaghti l-facilitajiet ta' kreditu fuq zewg B737, bhal ma offra li jaghti fil-'package' tal-B737 u B757 fl-alternattivi (2) u (3), u

(c) jekk l-Exim Bank jaqbel mal-proposta f'(b), l-Air Malta tista' tintrabat li tixtri il-Boeing B757 malli jkun hemm numru rilevanti ta' ordnijiet ghal dan l-ajruplan minn Airlines Ewropej.

| | |
|---|---|
| ........................... | ........................... |
| Segretarju tal-Kabinett | Chairman tal-Kabinett |
| 20. 10. 81. | |

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA